Avviż Numru CCT 404/10

**Claude Zammit**
**vs**
**Mizzi Automotive Services Ltd.**

Illum 13 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, mija u tmien ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€2,108.57), rappreżentanti prezz ta' *steering rack* li wara li ġie nstallat fil-vettura, u waqt li r-rikorrenti kien qiegħed isuq il-vettura, dan l-*isteering rack* inqasam bil-konsegwenza li nqasam u ħareġ minn postu.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *steering rack* mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' elf, disa' mija u tmienja u erbgħin ewro, u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€1,948.57), u wara xi żmien, waqt li kien qed isuq illokjalu l-*isteering* bil-konsegwenza li l-*isteering* ħareġ minn postu u ġie f'idejn ir-rikorrenti u kawża ta' dan il-vettura daħlet ġo *roundabout*. Illi dan sar minħabba difett fl-*isteering rack*.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssotomettiet illi min jallega jrid jipprova, u mhux sempliċiment għax is-*surveyor* tar-rikorrenti kkonkluda li kienet difettuża allura għandu jiġi emmnut. Aparti hekk l-iktar parti qasira u l-iktar parti viċin tar-rota kienet mgħawwġa u li setgħet biss titgħawweġ b'daqqa ta' ċerta portata u li għalhekk il-parti l-qasira tgħawwġet ma' l-impatt.

**It-Tribunal jionnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonkludi li qiegħed jemmen aktar it-teżi tas-soċjeta' intimata u dan għas-segwenti raġunijiet;

Għalkemm ir-ritratti minn barra juru li ma kienx hemm impatt fuq il-*body*, dan ma jfissirx illi l-impatt ma ħadhiex il-*body* imma ħaditha r-rota bil-konsegwenza li għalhekk tgħawwġet.

It-Tribunal mhux qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti illi l-i*steering* ġie f'idejh u ħabat mar-roundabout, kemm minħabba l-fatt illi l-probabilta' li kien ħabat jew kien ħabat ma' karozza oħra qabel ma wasal mar-*roundabout* jekk verament l-i*steering* inqala', kif ukoll għal fatt illi meta tkun wasalt viċin għar-*roundabout,* għandek tisslowja u li għalhekk hija probabli li ħabat mar-*roundabout* u ġara dak li ġara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**